**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha 10 ta' Mejju 2002**

**Numru** 27
**Citaz. Nru.** 1621/94 FDP

**John L. Camilleri**

**Vs**

**Thomas J. Galea u Michael J. Mallia bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` Megabyte Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fil-25 ta' Novembru 1994 fejn gie premess:-

Illi l-attur kien impjegat mal-konvenuti *nomine*, liema impieg kien inbeda taht kuntratt ta' impieg

ta' zmien definit mill-1 ta' Gunju 1988 kif provdut fl-anness Dok. A (6 pagni);

Illi l-impieg ta' l-attur kien gie mmodifikat bil-hatra tieghu fit-28 ta' Awissu 1991 bhala Assistant General Manager, kif indikat fl-anness Dok B (2 pagni) liema ittra ma immodifikatx, pero`, in-natura definita tal-kuntratt ta' impieg ta' l-istess attur;

Illi l-impieg ta' l-attur gie tterminat minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi fis-7 ta' Jannar 1993 kif jidher mill-anness Dok C, meta kien ghad fadal sa' l-1 ta' Gunju 1994 biex il-kuntratt definit jintemm;

Illi t-terminazzjoni ta' l-impieg sehhet waqt il-perjodu in vigore ta' kuntratt definit u ghalhekk l-attur ghandu dritt jithallas somma ekwivalenti ghal nofs il-bilanc ta' hlas li kien jircievi kieku baqa' fl-impieg;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti *nomine* kisru l-kuntratt definit ta' impieg li kellhom ma' l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur kagun tal-ksur ta' kuntratt;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur;

Bl-imghax u spejjez skond il-ligi kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* ta' l-24 ta' Jannar 1995 fejn gie eccepit:-

1. Illi din il-Qorti mhix kompetenti *ratione materiae* biex tiehu konjizzjoni tal-kawza stante li l-kuntratt ta' impieg in kwistjoni huwa kuntratt ta' impieg ghal zmien mhux stabbilit u ghaldaqstant fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali skond l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mertu tal-kawza huwa *res judicata;*

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li kien l-attur li ma riedx jaqdi l-funzjonijiet u mansjonijiet tieghu kif miftiehem;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-impieg ta' l-attur gie terminat minhabba raguni tajba u bizzejjed skond l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Kap 139);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-22 ta' Settembru 1995 li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti *ratione materiae*;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju 1988, is-socjeta` Megabyte Ltd impjegat lill-attur John L Camilleri bhala Business and Product Development Manager. Imbaghad fit-28 ta' Awissu 1991 is-socjeta' Megabyte Ltd appuntat lill-istess attur bhala Joint Assistant General Manager flimkien ma' certu D A Matrenza ghal perijodu ta' tlett snin. Fl-ittra ta' l-Appointment of Joint Assistant General Manager mibghuta lill-attur hemm stipulat li l-Bord tad-diretturi jistghu jitterminaw l-appointment fl-ewwel tnax-il xahar "*should the joint arrangement not work out satisfactorily. In such a case you will be entitled to retain your current management level position .... " (klawsola 5);*

Illi l-attur kien ipprezenta rapport datat 9 ta' Dicembru 1991 lill-Bord. Ghalkemm it-tnax-il xahar kontemplati f'klawsola 5 ta' l-ittra tal-hatra tat-28 ta' Awissu 1991 kienu skadew bi ftit xhur, huwa evidenti, kif jargumentaw il-konvenuti *nomine* fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, li l-perijodu gie estiz bil-konsapevolezza u l-accettazzjoni ta' l-attur innifsu u David Matrenza (il-partijiet involuti) peress li kienu qed jippreparaw ir-rapport li imbaghad gie ipprezentat f'Dicembru 1992;

Illi l-attur xehed li r-rapport suppost kien *joint report* u spjega li skond il-hatra tieghu u ta' Matrenza, kien l-obbligu taghhom li jipprezentaw dan ir-rapport, pero` kien hu biss li kitbu u li pprezentah u fil-fatt ma fihx l-isem ta' Matrenza fuqu. Huwa spjega fil-kontro-ezami tieghu li r-rapport jikkontjeni l-opinjoni tieghu fuq l-organizzazzjoni tal-kumpanija; fir-rapport kien spjega li kien importanti li l-kumpanija jkollha *clear leadership.* Fl-istess kontro-ezami tieghu huwa jispjega li ghalkemm hass li l-kumpanija kellha bzonn ta' tmexxija unika, huwa ma riedx jinsinwa li kien kontra s-sistema ta' *Joint Assistant General Manager.* Dwar l-organisation chart esebit a fol 91 tal-process, li gie pprezentat bhala haga wahda mar-rapport, huwa jammetti li din ic-chart kien ipprezentaha hu stess, u qabel li din ic-chart ma tikkontemplax is-sistema ta' *Joint Assistant General Manager,* anzi t-tmexxija unika tidher indikata bhala taht *il-General Manager.* Huwa qal li c-chart kien ghamilha fuq insistenza ta' Matrenza *"anzi kien propju l-insertion tal-kliem "General Manager" li jiena nizzilt fuq insistenza*

*ta' Matrenza. Jiena xorta nizziltha ghalkemm rajtha superflua".* Huwa jispjega li huwa ma kienx qed jiddetta lill-Bord biex jaghmel *General Manager,* izda sempliciment kien qed jaghti opinjoni ghal tmexxija unika;

L-attur xehed li r-rapport kien ipprezentah fid-9 ta' Dicembru 1992 u fil-15 ta' Dicembru 1992 kien gie infurmat li s-Sur Matrenza kien gie appuntat bhala General Manager;

Illi jumejn wara ghaddiet cirkolari datata 17 ta' Dicembru 1992 lill-i*staff* kollu biex tinfurmhom li l-Bord kien appunta lil Matrenza bhala General Manager. Fil-21 ta' Dicembru 1992 l-attur kien baghat ittra lic-Chairman tas-socjeta` Megabyte Ltd u fiha ghamel riferenza ghall-kuntratt tieghu senjatament ghall-"*full and sole control of the company*" u ghar-responsabbilta` li kellu "*for its running, answering and reporting to the Board of Directors*". Huwa riedu jikkonferma li l-hatra ta' Matrenza bhala *general manager "does not have any bearing on my status and responsibilities. I have been advised that any declaration to the contrary should be construed as a breach of agreement and I therefore reserve the right to take appropriate measures should these prove necessary".* Huwa xehed li b'din l-ittra ried jissalvagwardja l-posizzjoni tieghu;

Illi imbaghad sussegwentement fis-7 ta' Jannar 1993 ircieva ittra minghand ic-chairman u direttur tas-socjeta` li tghid hekk: "*Megabyte hereby notifies you that it is abolishing the post of Joint Assistant General Manager which you had occupied. In view of this, it is regretted*

*your appointment with Megabyte has to be terminated.";*

Illi Michael Mallia, id-direttur tas-socjeta` Megabyte Ltd, fl-affidavit tieghu xehed li *"lil John Camilleri ghednilu li issa kien ser imur lura fil-livell manigerjali li kellu qabel u insistejna li jkompli jahdem maghna b'koperazzjoni mal-general manager il-gdid ... Ridnieh jibqa' maghna ... Wara li tlabnih biex jibqa' jahdem maghna kif spjegajt, John Camilleri mill-ewwel ha posizzjoni kuntrarja u insista li jibqa' kif kien, u li minkejja li sar General Manager dan ma kellu l-ebda effett fuq l-istatus tieghu.";*

Illi David Matrenza fl-affidavit tieghu xehed li meta sar jaf li l-attur kien kiteb lid-diretturi fil-21 ta' Dicembru 1992 huwa kien sorpriz. "*Niftakar ukoll li John kien gie offrut li jerga' lura ghall-posizzjoni li kellu izda dan ma accettax."* Qal li mhux minnu li ma kienx hemm post ghall-attur fil-kumpanija;

Illi l-attur da parti tieghu qal li wara l-hatra ta' Matrenza, ma sar ebda diskors dwar il-klawsola ta' l-*appointment* ta' Joint Assistant General Manager li tistipula li jekk is-sistema ma tahdimx "*you will be entitled to retain your current management level position with its relativity aspects vis-à-vis other management posts."* Qal li Mallia ma semmilu xejn dwar din il-klawsola wara li gie appuntat Matrenza bhala manager. "S*al-21 ta' Dicembru hadd ma kellimni fuq il-posizzjoni tieghi, la s-sur Mallia la hadd. Ma sar ebda diskors la fuq paga la fuq xejn."* Pero` xehed ukoll li hadd ma qallu li ser jitkecca la mill-

management u lanqas mill-kumpanija in generali. Hadd ma qallu li hu ma kienx ser jibqa' fil-management;

Illi Michael Mallia, fl-affidavit tieghu, qal li l-attur ma kienx accetta li jmur lura fil-livell li kien qabel u ghalhekk *"gab stat fejn sforza lil-Bord biex jinfurmah fis-7 ta' Jannar 1993 li kien spicca l-'post' ta' 'Joint Assistant General Manager' li kien jokkupa u ghalhekk kellu jispicca l-impieg tieghu ma' Megabyte Ltd."*;

Illi l-Qorti hawnhekk ghandha quddiemha verzjonijiet differenti. Mallia u Matrenza jghidu li l-attur kien gie offrut li jerga' jmur lura ghall-posizzjoni li kellu u li kien irrifjuta. L-attur da parti tieghu ma jsemmi xejn dwar dan u jaghmel riferenza ghall-ittra li baghtulu c-Chairman u d-direttur tas-socjeta` Megabyte Ltd fis-7 ta' Jannar 1993, fuq citata. Il-Qorti tosserva li l-ittra ma tirreferix ghal xi rifjut da parti ta' l-attur li jmur lura fil-livell manigerjali li kellu qabel. Bhala raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur hija ssemmi biss l-abolizzjoni tal-post tieghu. Dak allegat mis-socjeta` konvenuta, u cioe` li kienu lesti jzommu lill-attur bil-posizzjoni li kellu qabel, kif jirrizulta mill-affidavit ta' Mallia u Matrenza, ma tidhirx pruvata minn ebda dokument. Il-Qorti, di piu`, taraha stramba li l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg ma ssemmi xejn dwar dan;

Illi ghalhekk il-konvenuti *nomine* ma rnexxilhomx jippruvaw a sodisfazzjon tal-Qorti li wara li l-post ta' l-attur gie abolit l-istess attur gie

offrut il-post manigerjali li kellu qabel, u li huwa irrifjuta tali post bi ksur tal-kondizzjoni numru 5 tal-hatra tieghu bhala "Joint Assistant General Manager", u li kien propju ghax irrifjuta li jaccetta dan li l-Megabyte kellha titterminalu l-impieg;

Illi ghalhekk il-Qorti se toqghod fuq l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg datata 7 ta' Jannar 1993 li tghid car u tond li l-impieg gie itterminat sempliciment minhabba li l-post ta' Joint Assistant General Manager gie abolit; liema ittra ma taghmel ebda riferenza ghal klawsola 5 tal-kuntratt. Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur jirrileva li m'ghandu ebda ilment dwar l-abolizzjoni tal-post stante li jirrikonoxxi li din it-tip ta' decizjoni taqa' fl-ambitu ta' diskrezzjoni manigerjali. Pero` jissottometti li terminazzjoni f'dawn ic-cirkostanzi twassal bil-fors ghall-konkluzjoni li ghandu jithallas nofs il-paga li kien jaqla' kieku l-impieg tieghu ma giex itterminat;

Illi l-kuntratt in kwistjoni kien ghal zmien definit. Biex tigi ggustifikata t-tkeccija sommarja skond Kap. 135 irid ikun hemm raguni tajba u sufficjenti. L-"abolizzjoni tal-post" mhux raguni gustifikanti ghal tkeccija sommarja u ghalhekk min ihaddem f"dan il-kaz ghandu jhallas nofs il-paga li kien jibbenefika minnha l-impjegat kieku baqa' fl-impieg ghaz-zmien rimanenti tal-kuntatt;

Illi a tenur tal-kuntratt ta' Joint Assistant General Manager li kien ghal tlett snin, l-attur kien intitolat ghal paga ta' Lm5500 fis-sena u

allowances ta' Lm2000 fis-sena. L-impieg gie tterminat wara sena u erba' xhur u ghalhekk l-attur huwa intitolat jiehu nofs is-salarju ta' sena u tmin xhur (Lm12,500) u cioe` Lm6,250.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-konvenuti *nomine* kisru l-kuntratt definittiv ta' impieg li kellhom ma' l-attur;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur kagun tal-ksur tal-kuntratt fl-ammont ta' sitt elef mitejn u hamsin lira Maltin (Lm6,250);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef mitejn u hamsin lira Maltin (Lm6,250);

Bl-imghax u spejjez skond il-ligi kontra l-konvenuti *nomine*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur